MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 87/2011

**EXIMUS SERVICES LIMITED**
vs
Gaetan **GATT**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fit-28 ta’ Jannar, 2011, li bih is-soċjeta’ rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta’ l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet tal-artikolu 167 sa’ 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u b) li l-Qorti tikkundannda lill-imharrek biex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta’ sbatax –il elf hames mija u hmistax –il ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€17,515.21) li tirrapprezenta l-prezz ta’ merkanzija minnu mixtrija minghandha f’Dicembru tal-2010. Talbet ukoll il-hlas tal-imghax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati lill-intimat li naqas jidher meta ssejhet il-kawza, u hekk baqa' kontumaci;

Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-imharrek tiddeciedi billi;

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici** u taqta' l-kawza minghajr smigh;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imharrek biex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax –il elf hames mija u hmistax –il ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€17,515.21) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lilu, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mill-15 ta' Marzu, 2011, sal-jum tal-hlas effettiv;

3) **Tikkundanna** lill-imharrek ihallsu **l-ispejjez tal-kawza**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------